MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru. 615/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Justin Polidano**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Justin Polidano ta’ 22 sena, bin Joseph u Benedicta nee’ Debono, mwieled fil-Pieta’ fit-28 ta’ Frar, 1985 u residenti Blokk 4, Triq il-Fieres, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita’ numru 177285(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-4 ta’ Jannar, 2007 f’ xi hin wara nofsinhar mill-fond bl-isem ‘Christmar’ sitwat fi Triq Karmena Micallef, Rabat (Malta) kkommetta serq ta’ flus kontanti u diversi oggetti tad-deheb ghad-dannu ta’ Cristiano Azzopardi u/jew

persuni ohra. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-lok.

Fl-istess data ,hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Cristiano Azzopardi u/jew persuni ohra. Liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data ,hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 5 ta’ Gunju 2006 mghotija mill-Magistrat Dott. Anthony Vella LL.D. u

Finalment sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 22 ta’ Frar 2008 (esebita a fol. 63 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261 (a) (b) (c) (e), 262 (1) (b), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 276A, 277(b), 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) fl-artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(f) fl-artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(g) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(h) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta' Marzu 2009, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li saret fl-4 ta' Jannar 2007 bejn is-2.00pm u s-2.30pm mill-fond 'Christmar', Triq Karmena Micallef, Rabat fejn insteraq l-ammont ta' Lm8,000 f'kontanti u ammont sostanzjali ta' deheb li l-valur tieghu kien bejn Lm2,000 u Lm2,5000 u dan ghad-detriment tal-konjugi Cristiano u Mary Azzopardi, dwar din is-serqa saret Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 25 tal-process fejn il-Magistrat Inkwirenti kienet hatret diversi esperti sabiex jghinuha fil-kors tal-investigazzjonijiet. In-nomina ta' dawn l-esperti giet debitament konfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tat-18 ta' Jannar 2008. F'din l-Inkjesta kienu gew mahtura bhala Scene of the Crime Officers PS46 Charlot Casha u PC465 Daniel Abela (ir-rapport taghhom jinsab inserit a fol. 73 et sequitur tal-process verbal) u dawn elevaw diversi lifters minn fuq il-post tad-delitt u cioe' is-segwenti:-

**07 AAS 301** Lifter elevat minn fuq kontenitur tal-plastik li kien fi kcina ta' garaxx.
**07AAS 301a** Ritratt black & white ta' dok. **07 AAS 301** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

**07AAS 302** Lifter elevat minn kontenitur tal-loandi li kien fi kcina tal-garaxx.
**07 AAS 302a** Ritratt black & white ta' dok. **07 AAS 302** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

**07 AAS 303** Lifter elevat minn fuq ghatu ta' kaxxa tal-jewellery sewda li kienet fil-main bedroom.
**07 AAS 303a** Ritratt black & white ta' dok. **07 AAS 303** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

**07 AAS 304** Lifter elevat minn fuq ghatu ta' kaxxa tal-jewellery ahmar li kien gol-kamra tas-sodda.

**07 AAS 304a** Ritratt black & white ta' dok. **07 AAS 304** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

**07 AAS 305** Lifter elevat minn fuq ghatu ta' kaxxa tal-plastik trasparenti li kien fl-istudy room.
**07 AAS 305a** Ritratt black & white ta' dok. **07 AAS 305** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

**07 AAS 306** Lifter elevat minn fuq kexxun ta' jewel box iswed li kien fl-ispare bedroom.

**07 AAS 306a** Ritratt black & white ta' dok. **07AAS 306** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur, illum Supretendent, Carmelo Magri (xhieda relattiva inserita a fol. 9 sa 11 tal-process) jirrizulta li l-Pulizija inghatat informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat Justin Polidano seta' kien nvolut fis-serqa odjerna u ghalhekk huwa gie mitkellem mill-Pulizija u mehud hdejn id-dar misruqa izda huwa cahad li qatt kien involut f'din is-serqa. Mill-atti jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti kienet laqghet it-talba maghmula mill-Ufficjal Investigattiv sabiex jinhatar espert tal-impronti digitali bl-inkarigu li jeleva l-impronti digitali tal-imputat (inseriti a fol. 89 u 90 tal-process verbal) u jaghmel ezami komparattiv tal-imsemmija impronti digitali mal-lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt minn PS46 u minn PC465. Ir-rapport tal-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, cioe' Joseph Mallia, jinsab inserit a fol. 91 sa 145 tal-Process Verbal. Fl-imsemmi rapport l-espert Joseph Mallia ikkonkluda is-segwenti:-

*Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 07 AAS 301, 07 AAS 302, 07 AAS 303, 07 AAS 304, 07 AAS 305, 07 AAS 306 lifters li jigbru fihom impronti digitali zviluppati permezz ta' l-alluminium powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti, d-dokumenti 07 AAS SG1, 07 AAS SG2, 07 AAS SG3, 07 AAS SG4, 07 AAS SG5, 07 AAS SG6 ritratt li juri impronti digitali zviluppati permezz tal-kimika, 07 AAS 150, 07 AAS 151, 07 AAS 152 ritratt li juru d-*

*dokumenti minn fejn gew zviluppati l-impronti permezz tal-kimika, u d-dokumenti PS formola ta' l-impronti digitali u PS 1 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta'* ***Justin Polidano*** *li joqghod* ***Blokk 4, Flat numru 3, Triq il-Fieres, Hal-Kirkop*** *numru tal-karta tal-identita'* ***177285M****, l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

*a. Illi l-impronti li jidhru fuq id-dokumenti 07 AAS 301, 07 AAS 302, 07 AAS 303, 07 AAS 304, 07 AAS 305, 07 AAS SG2, 07 AAS SG 5 u 07 AAS SG 6 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' jistghux jigu kkomparati mad-dokumenti PS formola ta' l-impronti digitali u PS 1 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta'* ***Justin Polidano*** *li joqghod* ***Blokk 4, Flat numru 3, Triq il-Fieres, Hal-Kirkop*** *numru tal-karta ta' l-identita'* ***177285M****.*

*b. Ili l-impronta dokument 07 AAS 306 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' l-id ix-xellugija ta'* ***Justin Polidano*** *li joqghod* ***Blokk 4, Flat numru 3, Triq il-Fieres, Hal-Kirkop*** *numru tal-karta tal-identita'* ***177285M****, dokument PS.*

*c. Illi l-impronta dokument 07 AAS SG1 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' l-id ix-xellugija ta'* ***Justin Polidano*** *li joqghod* ***Blokk 4, Flat numru 3, Triq il-Fieres, Hal-Kirkop*** *numru tal-karta tal-identita'* ***177285M****, dokument PS.*

*d. Illi l-impronta dokument 07 AAS SG 3 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tal-pala ta' l-id ix-xellugija ta'* ***Justin Polidano*** *li joqghod* ***Blokk 4, Flat numru 3, Triq il-Fieres, Hal-Kirkop*** *numru tal-karta tal-identita'* ***177285M****, dokument PS 1.*

*e. Illi l-impronta dokument 07 AAS SG 4 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tal-pala ta' l-id ix-xellugija ta'* ***Justin Polidano*** *li joqghod* ***Blokk 4, Flat numru 3, Triq il-Fieres, Hal-Kirkop*** *numru tal-karta tal-identita'* ***177285M****, dokument PS 1.*

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Mallia jirrizulta ghalhekk li impronta digitali li giet elevata minn fuq kexxun ta’ jewel box iswed li kien hemm fil-ispare bedroom tal-fond minn fejn saret is-serqa li tifforma l-mertu ta’ din il-kawza hija identika mal-marka tas-sebgha l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat Justin Polidano. Il-Qorti jidrilha li trattandosi ta’ dar privata fejn l-imputat sostna li qatt ma dahal ghaliex qal lill-Pulizija li l-anqas biss kien jaf fejn tinstab din id-dar meta l-Pulizija haduh quddiem l-istess dar, din il-prova tammonta ghal prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat dahal fil-fond propjeta’ tal-konjugi Azzopardi u seraq l-oggetti indikati aktar ‘il fuq.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-imputazzjonijiet ta’ serq  aggravat bil-mezz u bil-valur (l-ewwel imputazzjoni), u ta hsara volontarja (it-tieni imputazzjoni), liema imputazzjoni ser titqies li kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza, l-imputat jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv u li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ Ordni ta’ Probation datat 5 ta’ Gunju 2006. Anki dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati stante li gew esebiti is-sentenzi relattivi (inseriti a fol. 17 sa 21) u saret ukoll id-debita’ prova tal-identita’.

L-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta’ ricettazzjoni izda peress li din l-akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxikha tipprova l-akkuzi minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-istess akkuzi.

Ghal finijiet ta’ piena, l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jidher li huwa diga’ kiser dufrejgh mal-gustizzja u inghata l-opportunita’ li jirriforma ruhu izda jidher li huwa m’gharafx jisfrutta din l-opportunita’ u l-Qorti ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-22 ta’ Frar 2008 u senjatament l-Artikoli 261 (a) (b) (c) (e), 262 (1) (b), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 276A, 277(b), 278, 279, 280, 281 325 (1) (b), 330, 49, 50, 17, 23 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba’(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett(3) snin prigunerija b’effett millum. Stante li t-tielet(3) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.
B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf mitejn u tmienja u erbghin ewro u erbgha u ghoxrin ewro centezmu (€1,248.24) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------